

Brussell, 29 ta' Marzu 2017
(OR. en)

7707/17

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0282 (COD)**

**AGRI 164
AGRILEG 65
AGRIFIN 32
AGRISTR 29
AGRIORG 33
CODEC 490**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	12187/16 + ADD1, ADD 2
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jemendaw ir-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1299/2013, (UE) 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, UE Nru 1304/2013, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Proposta Omnibus) - Sitwazzjoni attwali u skambju ta' fehmiet

L-Anness għal din in-nota jinkludi rapport dwar l-istat attwali tad-diskussjonijiet dwar id-dispożizzjonijiet agrikoli tal-proposta msemmija hawn fuq imħejjija taħt ir-responsabbiltà proprja tal-Presidenza.

Fil-laqgħa tal-Kunsill AGRI/FISH fit-3 ta' April, il-Ministri huma mistiedna jkollhom skambju ta' fehmiet dwar il-kwistjonijiet pendenti ewlenin li jikkonċernaw il-pakkett ta' kompromess ġenerali, kif stipulat fit-taqsimha 5 tar-rapport, sabiex tingħata gwida politika lill-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura, bil-ħsieb li dan ikun jista' jilħaq qbil dwar il-pakkett ta' kompromess fl-10 ta' April 2017.

**Rapport tal-Prezidenza dwar is-Sitwazzjoni attwali tad-diskussjonijiet dwar il-proposta
"Omnibus" fir-rigward
tad-dispożizzjonijiet agrikoli tagħha**

1. Introduzzjoni

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta "Omnibus" fl-14 ta' Settembru 2016.

Il-proposta hija parti mir-rieżami tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) u tinkludi emendi għal total ta' ħmistax-il att legali eżistenti, inklużi l-erba' atti bażiċi kollha li jistabbilixxu l-qafas legali attwali għall-Politika Agrikola Komuni (PAK): Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 (żvilupp rurali), ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ir-regolament "orizzontali"), ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 (pagamenti diretti) u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 (organizzazzjoni komuni tas-suq).

2. Bażi ġuridika

F'dak li jirrigwarda d-dispożizzjonijiet agrikoli, il-bażi legali applikabbli hija l-Artikoli 42 u 43(2) TFUE.

3. Objettiv

Din il-proposta tikkostitwixxi t-tieni fażi tal-eżerċizzju ta' simplifikazzjoni tal-PAK li għaddejja bħalissa. Issegwi diversi modifiki biex jiġu ssimplifikati l-linji gwida tal-Kummissjoni kif ukoll il-leġislazzjoni sekondarja. L-għan tas-simplifikazzjoni huwa li jittaffa l-piż minn fuq kemm il-bdiewa kif ukoll l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali, u li ħajjithom issir aktar faċli.

4. Diskussjonijiet sal-lum

Il-Kummissjoni ppreżentat il-parti agrikola tal-proposta fil-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura (KSA) fis-26 ta' Settembru 2016 u fil-Kunsill AGRI/FISH fl-10 ta' Ottubru 2016. Imbagħad il-KSA wettaq eżami dettaljat tal-proposta ftotal ta' disa' laqgħat (erbgħa matul il-Prezidenza Slovakka u ħamsa matul il-Prezidenza Maltija).

Il-pakkett ta' kompromess tal-Prezidenza, li jinsab fid-dokument 7527/1/17 REV 1, ġie eżaminat mill-KSA f'diversi okkażjonijiet, u dan wassal għal qbil ġenerali.

Il-pakkett ta' kompromess jinkludi kważi l-emendi kollha proposti mill-Kummissjoni (f' xi każijiet b'tibdiliet fit-tfassil) minħabba li l-parti l-kbira tad-delegazzjonijiet jaqblu li dawn jikkontribwixxu għas-simplifikazzjoni. Minkejja dan, il-proposta tal-Kummissjoni li tneħħi l-hekk imsejħa **regola tal-"50/50"** għall-qsim ta' pagamenti irregolari mhux rekuperabbli ġiet irrifjutata minn kważi d-delegazzjonijiet kollha. Għalhekk, din ma ġietx inkluża fil-pakkett ta' kompromess.

5. Kwistjonijiet pendenti ewlenin

Bosta kwistjonijiet pendenti ewlenin huma marbuta mar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 (**pagamenti diretti**).

Ewlenija fosthom hija l-kwistjoni ta' **appoġġ akkoppjat volontarju** (l-Artikoli 52 u 53). Id-delegazzjonijiet kollha jistgħu jaċċettaw it-test ta' kompromess issuġġerit mill-Prezidenza għall-Artikolu 52. Il-parti l-kbira tad-delegazzjonijiet jistgħu jaċċettaw il-formulazzjoni ta' kompromess għall-Artikolu 53, li tippermetti li l-Istati Membri jirrevedu d-deċiżjonijiet nazzjonali tagħhom kull sena. Madankollu, xi delegazzjonijiet u r-rappreżentant tal-Kummissjoni jikkunsidraw l-emenda bħala pass żejjed li ma jkunx jikkostitwixxi simplifikazzjoni.

Barra minn hekk, hemm diversi delegazzjonijiet li qed jitolbu emendi addizzjonali rigward l-appoġġ akkoppjat volontarju, f'dak li jirrigwarda: (i) il-prodotti li għalihom jista' jingħata l-appoġġ akkoppjat; (ii) appoġġ addizzjonali għall-prodotti tar-raba' li fihom il-proteini; u (iii) il-metodoloġija għat-trattament ta' kwalunkwe eċċess għal-limiti kwantitattivi stabbiliti għall-pagamenti akkoppjati. Madankollu, diversi delegazzjonijiet oħra u r-rappreżentant tal-Kummissjoni jopponu ż-żieda ta' kwalunkwe emenda bħal din għall-pakkett ta' kompromess, waqt li semmew b'mod partikolari implikazzjonijiet fil-livell tad-WTO.

Kwistjoni pendenti oħra tikkonċerna l-iskema tal-**bdiewa żgħażaġh**. Il-parti l-kbira tad-delegazzjonijiet jappoġġaw jew jistgħu jaċċettaw is-suġġeriment tal-Prezidenza biex jiġu rrifjutati l-emendi proposti mill-Kummissjoni u jinżamm *status quo*. Madankollu, xi delegazzjonijiet jiddispjaċihom minn dan, billi jqisu li l-proposta tal-Kummissjoni kienet tipprovdi simplifikazzjoni siewja u tal-anqas għandha tinżamm bħala opzjoni. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jopponi l-fatt li l-bidliet proposti jkunu fakultattivi minħabba li dan jestendi aktar u bla bżonn l-lista twila ta' għażliet fir-rigward tal-implimentazzjoni.

It-tielet kwistjoni pendenti tikkonċerna l-klawżola dwar il-**bdiewa attivi**. Id-delegazzjonijiet kollha jappoġġaw il-flessibilità li tiġi introdotta permezz tal-Artikolu 9(7) il-ġdid. Il-parti l-kbira tad-delegazzjonijiet jistgħu jappoġġaw ukoll l-Artikolu 9(8) il-ġdid, li jrendi l-klawżola dwar il-bdiewa attivi fakultattiva mill-2018. Madankollu, xi delegazzjonijiet ma jappoġġawx din l-aħħar dispożizzjoni, billi jippreferu li jinżamm approċċ armonizzat għall-Istati Membri kollha.

L-aħħar kwistjoni pendenti fir-rigward tal-pagamenti diretti hija talba minn xi delegazzjonijiet biex jiżdied test mal-Artikolu 11 sabiex jiċċara b'mod espliċitu li l-Istati Membri jistgħu jibdlu d-deċiżjonijiet tagħhom rigward il-**limiti massimi** ta' ċerti pagamenti diretti. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni diġà indika li l-istituzzjoni tiegħu tista' toħroġ dikjarazzjoni li tikkonferma li dan huwa diġà possibbli.

F'dak li jirrigwarda r-Regolament 1305/2013 (**żvilupp rurali**), xi delegazzjonijiet esprimew riżervi fir-rigward ta' kondizzjonijiet applikabbli differenti meta l-għajjnuna tingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jinsisti li l-promozzjoni tal-użu ta' dawn l-istrumenti hija essenzjali biex tingħata spinta lit-tkabbir u l-impjiegi fiż-żoni rurali. Rigward l-**Għodda għall-Istabilizzazzjoni tad-Dħul** il-ġdida, xi delegazzjonijiet esprimew xettiċiżmu fir-rigward tal-livell limitu ta' 20 % li ġie propost, waqt li sostnew li dan imur kontra l-orjentament tas-suq tal-PAK u jista' jkollu implikazzjonijiet importanti fil-livell tad-WTO. Delegazzjonijiet oħra jixtiequ jestendu dan il-livell limitu għal għodod oħra għall-ġestjoni tar-riskji.

Rigward ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ir-**regolament "orizzontali"**), għalkemm id-delegazzjonijiet jistgħu jaqblu mal-proċedura proposta biex tiġi stabbilita r-rata ta' aġġustament (**mekkaniżmu tad-dixxiplina finanzjarja**), xi delegazzjonijiet jilqgħu wkoll aktar simplifikazzjoni fil-ġestjoni tar-**riżerva għal kriżijiet fis-settur agrikolu**, li, madankollu, hija kwistjoni li għandha tiġi indirizzata fil-kuntest tar-reviżjoni tar-regolament finanzjarju.